*Ref*: 27/8/194/21

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 27

*L-Erbgħa 25 ta' Awissu 2021*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja Paola nhar l-Erbgħa 25 ta' Awwissu 2021. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku*<br>Ivan Bartolo – *Kunsillier*<br>Rita Delezio - *Kunsilliera*<br>Yvonne Arqueros – *Kunsilliera*<br>Neville Camilleri – *Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Darren Lynch - *Viċi Sindku*<br>Steven Axisa - *Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

Kunsill Lokali Paola

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

## 1. Qari tal-ittri ta' apoloġija

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Axisa talbu li jkun skużati minħabba safar u minħabba raġunijiet personali rispettivament. Il-membri aċċettaw l-apoloġiji bħala ġustifikati.

## 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1. Il-Minuti nr. 26 ġew approvati *nem com.*

2.2. Dwar punt nr. 8.1 is-Sindku informa lill-membri illi l-istima marbuta mas-servizz ta' infurzar mill-uffiċjali tal-LESA, tammonta għal €928 b'żewġ uffiċjali fuq sittax il siegħa. Il-membri qablu li isir dan l-eżerċizzju. Dwar l-indafa il-Kunsillier Bartolo talab sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur tal-ġbir ta' skart dwar l-imġieba tal-ħaddiema fit-toroq.

## 3. Korrispondenza

3.1. Korrispondenza mingħand il-bord amministrattiv tan-Norwegian Grants fejn talab kjarifika lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni sottomessa marbuta mat-trasport fil-komunità, liema risposta kienet tiġa twasslet lill-istess bord.

*Il-Kunsillier Camilleri daħal issa.*

## 4. Risposta tal-*Management Letter*

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li tkompla l-proċess tal-Awditjar fejn l-aħħar proċess ikun li l-Awdituri jippreżentaw l-ittra tad-Direzzjoni. Din l-ittra u r-risposta tagħha ġew diskussi u approvati mill-membri.

## 5. Applikazzjoni għall-Krematorju (PA5280/21)

5.1. Is-Sindku informa lill-membri illi kif sar jaf bl-applikazzjoni għall-Krematorju (PA5280/21) talab lis-Segretarju Eżekuttiv jinvestiga l-applikazzjoni mal-Perit tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi l-Perit kien ppreżenta il-ħsibijiet tiegħu kif annessi fejn qiegħed isostni illi tista' issir oġġezzjoni fir-rigward li s-sit m'huwiex parti miż-żona indikata għal-espansjoni taċ-ċimiterju kif ukoll fid-dawl tal-impatt viżwali u għall-fatt li ma hemmx studji dwar l-impjant li ser jintuża, dwar l-impatt fuq il-load tal-elettriku u l-emissjonijiet tal-istess impjant.

5.2. Il-membri iddiskutew dan u qablu li għanda titressaq oġġezzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar għal dan il-permess prinċiparjament għax il-Kunsill huwa kontra li tittieħed aktar art agrikola għall-bini. Il-membri qablu wkoll li l-oġġezzjoni għanda titressaq għaliex l-arja proposta ma tagħmilx parti miz-zona indikata għal-espansjoni taċ-ċimiterju, kif ukoll fid-dawl tal-impatt vizwali u l-fatt li ma hemmx studji dwar l-impjant li ser jintuża, dwar l-impatt fuq il-load tal-elettriku u l-emissjonijiet tal-impjant.

## 6. Ġbir ta' skart riċiklabbli

6.1. Is-Sindku informa lill-membri illi dawn l-aħħar xhur kien hawn bosta nuqqasijiet fil-ġbir tal-iskart riċiklabbli mill-kuntrattur tal-GreenPak u għaldaqstant kompla billi qal li kienet sargħet laqgħa flimkien mal-GreenPak u mal-Kunsillier responsabbli Neville Camilleri fejn kien hemm qbil li għandu jinbidel il-kuntrattur imqabbad mill-iskema.

6.2. Flimkien ma' dan, is-Sindku żied illi fid-dawl li l-iskema GreenPak kellha tbiddel il-kuntrattur, din infurmat lill-Kunsill li mhux ser tkun f'pożizzjoni tibqa toffri ġabra kuljum għall-iskart kummerċjali u dawn in-negozji iridu jieħdu ħsieb il-ġbir tal-iskart riċiklabbli tagħhom b'mod individwali. Fl-isfond ta' dan is-Sindku żied illi issa sargħet talba sabiex tal-anqas l-iskart kummerċjali riċiklabbli jinġabar kull nhar ta' Tlieta mar-ronda tar-residenti. Il-Kunsillier Camilleri żied li ma jistax jitnaqqar is-servizz tar-resident minħabba l-iskart kummerċjali.

6.3. Rigward l-indafa u l-ġbir tal-iskart il-Kunsillier Bartolo issuġġerixxa li ssir kampanja ta' tindif triq-triq fejn jitneħħew il-vetturi u t-triq titnaddaf sew. Il-Kunsillier Camilleri qal li ser ikun qed jikkunsidra u jaħdem fuq din l-proposta.

## 7. Offerti-Evalwazzjoni

7.1. Is-Sindku informa lill-membri illi t-tender tal-Ġnien f'Telgħet Raħal Ġdid kien ħareġ u jinsab viċin li jitlesta wkoll it-tender tax-xogħol Infrastrutturali u għaldaqstant ippropona li mal-persuni indipendenti li tiġa qed jevalwaw l-offerti tal-Kunsill jiżdied issa l-Perit tal-Kunsill fid-dawl tal-materja teknika ta' dawn l-offerti. Il-membri qablu.

## 8. Komunikazzjoni mis-Sindku

8.1. Is-Sindku qal li ftit ġranet ilhu il-Gvern ħareġ il-proposti għar-riġenerazzjoni tal-port il-kbir fejn wieħed ma jistax jinsa li Kordin imiss mal-port u għalhekk issuġġerixxa li jkun għaqli li issir laqgħa ma' Infrastruttura Malta u ma min hu konċernat sabiex naraw x'impatt jista' jkun hemm fuq il-lokalita ta' Paola. Il-membri qablu.

8.2. Is-Sindku qal li issa l-Kunsill stenna biżżejjed żmien sabiex il-Gvern jippreżenta ir-riforma tas-Swieq fil-beraħ u għaldaqstant talab lis-Segretarju sabiex jara liem Dipartiment huwa responsabbli sabiex ikun diskuss kif is-Suq ta' Raħal Ġdid jista' jkun organizzat aħjar dan fid-dawl li l-liġi ma tippermettix li l-Kunsill Lokali, fost l-oħrajn, ibiddel il-ġranet li fih jarma is-Suq. Is-Sindku żied li ilhu minn Ottubru tas-sena l-oħra jistenna il-laqgħa mal-Kumitat li qed jaħdem fuq ir-riforma tas-Suq. Il-Kunsillier Camilleri żied illi l-problema ġejja minn ftit operaturi u għaldaqstant ma jistax jifhem kif problema simili ma tistax tiġi indirizzata mill-awtoritajiet.

*Il-Kunsilliera Delezio telqet mil-laqgħa.*

8.3. Is-Sindku qal illi ftit ġranet ilhu saru bosta ilmenti dwar l-parti tal-garaxxijiet tas-suq minħabba it-telaq li din tinsab fiha, liema ilmenti kienu indirizzati lil Kunsill b'mod inġust fid-dawl li m'għandux responsabiltà fuq din il-binja. Infatti s-Sindku kompla billi qal li reġa' sar rapport lill-Awtorità tal-Artijiet li ser tkun qed tinvestiga l-każ, tara li l-akwata hux fir-responsabiltà tal-Awtorità u tmexxi bit-tindif u l-manutenzjoni. F'dan ir-rigward is-Sindku żied li l-Kunsill lanqas kien infurmat bix-xogħol li kien sar f'parti mill-art tas-Suq.

## 9. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

9.1. Il-Kunsillier Bartolo staqsa dwar ix-xogħolijiet meħtieġa tal-pjazza. Is-Sindku kkonferma li kif intqal, il-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta kien aċċetta li ser jiffinanzja dawn ix-xogħolijiet liema xogħolijiet kellhom isiru sa Settembru.

Infatti s-Sindku kompla li kienu ntbagħtu reminders mill-Avukat li qed tirrappreżenta l-Kunsill u ġejna infurmati li tqabbad Perit ieħor u qed jaħdem fuq dawn in-nuqqasijiet liema rapport umbagħad ser imur għand il-Finanzi għall-approvazzjoni. Dwar l-arblu li intlaqat is-Sindku qal li x-xogħol mistenni isir fil-ġranet li ġejjin.

9.2. Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet dwar l-andament tax-xogħol tal-*masterplan* tal-Pjazza. Is-Sindku infurmah li kien qed jiltaqa' mal-Perit tal-Kunsill b'mod konsistenti sabiex ix-xogħol jitlesta u tidħol l-applikazzjoni l-Awtorità tal-Ippjanar.

9.3. Il-Kunsilliera Arqueros staqsiet hux possibbli isiru avviżi dwar l-iskart b'lingwi differenti.

9.4. Il-Kunsillier Camilleri xtaq jistaqsi dwar it-tisqija u xogħolijiet ta' Ġnien il-Mediterran. Is-Sindku qal li fi Ġnien il-Mediterran kien inbeda xogħol minn entitajiet tal-Gvern liema xogħol jidher li kien waqaf ħesrem. Sakemm isir ix-xogħol ppjanat għall-ġnien, is-Sindku qal li kienu saru diskussjonijiet mal-Ministeru tal-Ambjent fejn anke tħawlu s-siġar mill-istess Ministeru, sar id-dripp u l-ġnien kien qed jissaqqa bil-browsers. Is-Sindku kompla li mingħajr mal-Kunsill kien infurmat din it-tisqija twaqqfet u dan ix-xogħol ma setax umbagħad isir mill-kuntrattur tal-Kunsill għax mhux qiegħed fit-tender. Fl-isfond ta' dan is-Sindku qal li qed isiru diskussjonijiet ma Parks Malta sabiex jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tal-ġnien u anke qed jiddiskutu internament dwar il-proġett tal-ġnien innifsu. Is-Sindku qal li sadanittant qed isir ukoll ix-xogħol dwar il-Ġnien tal-Covid mill-Ministeru tas-Saħħa u anke mill-Ministeru tal-Intern li ser ikun qed jagħmel id-dog park fil-ġnien.

## 10. <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti</u>

10.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 26 għas-somma ta' €34,407.91.

## 11. <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>

11.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:15pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 29 ta' Settembru 2021.

11.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 29 ta' Settembru 2021.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |